# IL-BIDWI

FOLJU MAHRUG DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

*Editur, C. Zammit-Marmarà M.B.E.*

Nru. 58 — IT-TNEJN, 15-16 TA' APRIL, 1945. — Nru. 58


# *Ghala d-Dipartiment Tal-Biedja Hu d-Dipartiment Tal-Bdiewa*

(R. BIASINI — DIRETTUR TAL-BIEDJA)

*L-AMMINISTRAZZJONI ta' kull pajjiż hi mmexxija minn Dipartimenti tal-Gvern, u kull Dipartiment ikollu xogħol utli ta' interess pubbliku x'jagħmel—xogħol li jkollu x'jaqsam mad-dipartimenti l-oħra. Bħallikieku f'Malta għandna d-Dipartiment tas-Saħħa li, bħalma kulħadd jaf, jagħmel xogħol kbir tal-ħsieb u ta' risponsabbiltà kbira biex iżomm tajjeb u f'waqtha s-saħħa tal-poplu ta' dawn il-Gżejjer. Għandna d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi li għandu dmir xort'oħra x'jaqdi, jiġifieri jrid jieħu ħsieb it-toroq, id-drenaġġ, u ħwejjeġ hekk. Id-Dipartiment ta' l-Ilma u Elettriku li hu responsabbli biex iżomm ħażna tajba ta' ilma għal Malta u Għawdex, biex iżomm ukoll, iżid u jtejjeb id-Dawl Elettriku fil-pajjiż. Hemm imbagħad id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni biex jieħu ħsieb l-iskejjel u t-tagħlim ġenerali tan-nies ta' dawn il-Gżejjer. U hekk ukoll, kull Dipartiment ieħor iżomm dejjem fuq il-linja tiegħu ta' xogħol li hu responsabbli għalih, u fost dawn, hemm id-Dipartiment tal-Biedja biex jieħu ħsieb il-biedja ta' dawn il-Gżejjer u tas-snajja' li għandhom x'jaqsmu magħha.*

*Jekk xi xogħol minn dak li semmejna ma jmurx tajjeb, allura l-ħtija minnufih taqa' fuq id-Dipartiment li għandu x'jaqsam mat-tmexxija ta' dak ix-xogħol. Għaldaqshekk hu dmir ta' kull Dipartiment li jagħmel ix-xogħol tiegħu b'ħiltu kollha għall-ġid tal-pajjiż.*

*Biex nifhmu sewwa dak li għidtilkom hawn fuq, nistgħu ngħidu illi t-tobba u kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-mard hu xogħol li jmiss lid-Dipartiment tas-Saħħa. Is-Surmastrijiet, l-iskejjel u kull ħaġa li għandha x'taqsam mat-tagħlim tmur f'idejn id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, u għalhekk, hija ħaġa li wieħed malajr jifhimha, illi l-bdiewa u dak kollu li għandu x'jaqsam mal-biedja jmiss lid-Dipartiment tal-Biedja għaliex dan id-Dipartiment għandu f'idejh it-tmexxija tal-Biedja ta' Malta u Għawdex.*

*Għal din ir-raġuni li ma għandhiex bżonn tifsir fit tul, id-Dipartiment tal-Biedja għandu bir-raġun kollu jitqies bħala dipartiment tal-biedja fl-interess tal-biedja tal-pajjiż.*

*Iżda fix-xogħol tiegħu, id-Dipartiment għandu responsabbiltà kbira, għaliex, sewwa sew bħad-Dipartimenti l-oħra kollha, fil-waqt li jfittex li jtejjeb il-kondizzjoni ġenerali tal-Biedja tal-pajjiż jiħtieġlu jkun żgur li dan ix-xogħol ma hux sejjer ikun ta' ħsara għal Malta u Għawdex. Jiġifieri fix-xogħol tiegħu, u l-iżjed fi żmien bħal dan, meta qegħdin naqilbu minn żminijiet koroħ ta' assedju għal żminijiet normali, id-Dipartiment irid ikun żgur illi x-xogħol li jagħmel ikun ta' ġid għall-biedja kollha, li sejjer itejjeb il-kondizzjoni ġenerali tal-bdiewa u tal-pajjiż, u fuq kollox li hu xogħol li l-ġid tiegħu jibqa' jinħass fit-tul.*

*Dan hu l-ideal tad-Dipartiment tal-Biedja, iżda bħalma hu fl-ideali kollha, it-trieq ma tkunx dejjem mingħajr tfixkil. Fix-xogħol tagħna ta' spiss aħna niltaqgħu ma' xi saram, għaliex forsi jkun hemm min jagħmel il-bsaten fir-roti. Iżda dan ma jaqtagħlniex qalbna, anzi iżjed ma naraw għelt, iżjed il-fehma tagħna tissaħħaħ u d-dmir tagħna iktar jiżdied biex inkomplu xogħolna biex inġibu 'l quddiem kif jixraq lill-bidwi u lill-biedja.*

*Dawk in-nies li jgħidu lill-bidwi li m'għandux bżonn id-Dipartiment huma iktarx dawk l-itess nies li ta' spiss tarahom ġejjin ikellmu lili jew lil min hu taħti biex jaraw jiksbux xi ħaġa ħalli jkunu jistgħu jiftaħru mal-bdiewa, u jisgħobbini ngħid ukoll li forsi wara li d-Dipartiment ikun qdiehom, tarahom forsi jippretendu xi flus ta' xogħol li għalih il-bidwi ma għandu bżonn iħallas xejn, għaliex għalhekk id-Dipartiment tal-Biedja hu tabiħaqq id-Dipartiment tal-Bdiewa.*

*Għaldaqshekk, dawk it-talin li jgħidu lill-bdiewa biex ma jisimgħux il-pariri tad-Dipartiment ikunu qed jagħtuhom parir wisq ħażin, għaliex l-interess tal-biedja tal-pajjiż hu l-interess waħdieni tad-Dipartiment tiegħi, u għalhekk bir-raġun kollu nerġa' ngħidilkom illi d-Dipartiment tal-Biedja hu fil-fatti d-Dipartiment tal-Bdiewa.*

